32005D0697

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Settembru 2005

li temenda d-Deċiżjoni 2000/745/KE li taċċetta impenji offruti f'rabta mal-proċedimenti ta' anti-dumping u anti-sussidju dwar importazzjonijiet ta' polyethylene terephthalate (PET) li joriġinaw, inter alia, fl-Indja.

(2005/697/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] (ir-"Regolament AD bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea [2] (ir-"Regolament AS bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 15 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 2604/2000 [3], il-Kunsill impona dazji definittivi anti-dumping fuq importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċertu polyethylene terephthalate ("PET") li joriġina, *inter alia*, fl-Indja. Importazzjonijiet ta' PET esportat minn kumpaniji li minnhom ġie aċċettat impenn ġew eżentati minn dan id-dazju skont l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament.

(2) Bir-Regolament (KE) Nru 2603/2000 [4], il-Kunsill impona dazji anti-dumping definittivi fuq importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċertu polyethylene terephthalate ("PET") li joriġina, *inter alia*, fl-Indja. Importazzjonijiet ta' PET esportat minn kumpaniji li minnhom ġie aċċettat impenn ġew eżentati minn dan id-dazju skont l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament.

(3) Fid-29 ta' Novembru 2000, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2000/745/KE [5], hi u taċċetta impenji offruti b'konnessjoni maż-żewġ proċedimenti msemmija hawn fuq mill-esportaturi msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

(4) Fit-12 ta' Jannar 2005, il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 33/2005 [6] ħabbret il-bidu ta' "reviżjoni fir-rigward ta' esportatur ġdid" skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament AD bażiku.

(5) Fl-istess waqt u għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni tat bidu għal reviżjoni aċċellerata tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2603/2000 [7] skont l-Artikolu 20 tar-Regolament AS bażiku.

(6) Is-sejbiet definittivi u l-konklużjonijiet tal-investigazzjonijiet huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1646/2005 [8] li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2604/2000 u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2603/2000 [9] li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2603/2000.

---

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

[2] ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

[3] ĠU L 301, 30.11.2000, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 823/2004 (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 7).

[4] ĠU L 301, 30.11.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 822/2004 (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 3).

[5] ĠU L 301, 30.11.2000, p. 88. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni (KE) Nru 2002/232/KE (ĠU L 78, 21.3.2002, p. 12).

[6] ĠU L 8, 12.1.2005, p. 9.

[7] ĠU C 8, 12.1.2005, p. 2.

[8] Ara paġna 10 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali

[9] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali

B. IMPENN

(7) Wara l-iżvelar li permezz tiegħu South Asian Petrochem Ltd ("SAPL") ("il-kumpanija") ingħarrfet bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien hemm il-ħsieb li jiġi impost id-dazju emendat definittiv ta' anti-dumping u d-dazju kumpensatorju fuq l-importazzjonijiet tagħha fil-Komunità, il-kumpanija offriet prezz b'impenn skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament AD bażiku u l-Artikolu 13(1) tar-Regolament AS bażiku. F'dak l-impenn, il-produttur esportatur offra li jbigħ il-prodott ikkonċernat bil-livelli ta' prezz jew b'livelli ogħla biex b'hekk jiġu eliminati l-effetti ta' ħsara ta' dumping u sussidju.

(8) Il-kumpanija se tipprovdi wkoll lill-Kummissjoni b'tagħrif regolari u fid-dettall dwar l-esportazzjonijiet tagħha lejn il-Komunità u dan ifisser li l-impenn jista' jiġi ssorveljat b'mod effettiv mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-istruttura tal-bejgħ ta' din il-kumpanija hija tali li l-Kummissjoni tqis li r-riskju ta' evażjoni mill-impenn miftiehem huwa limitat.

(9) Fid-dawl ta' dan, l-impenn offrut minn South Asian Petrochem Ltd ("SAPL") huwa aċċettabbli.

(10) Biex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja b'mod effettiv il-konformità tal-kumpanija mal-impenn meħud, meta t-talba għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont l-impenn tiġi ppreżentata lill-awtorità doganali rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju se tkun marbuta ma' preżentazzjoni ta' fattura li jkun fiha mill-inqas dawk il-punti ta' tagħrif elenkati fl-Anness tar-Regolament (KE) 2604/2000. Dan il-livell ta' tagħrif huwa wkoll meħtieġ biex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jiżguraw b'biżżejjed ċertezza li l-kunsinna tikkorrispondi mad-dokumenti kummerċjali. Fejn fattura bħal din ma tiġix ppreżentata, jew meta ma tkunx tikkorrispondi mal-prodott ippreżentat lid-dwana, se titħallas ir-rata xierqa ta' dazju anti-dumping u kumpensatorju.

(11) F'każ li jkun hemm ksur jew irtirar mill-impenn, jew jekk ikun hemm raġuni biex wieħed jaħseb li l-impenn qiegħed jinkiser, jista' jiġi impost dazju provviżorju jew definittiv skont l-Artikolu 8(9) u (10) tar-Regolament AD bażiku u, fejn ikun applikabbli, skont l-Artikolu 13(9) u (10) tar-Regolament AS bażiku.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2000/745/KE hija b'dan emendata billi jiżdied dan li ġej:

Pajjiż	Produttur	Kodiċi Addizzjonali Taric
"L-Indja	South Asian Petrochem Ltd ('SAPL')	A 585"

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Settembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Peter MANDELSON
Membru tal-Kummissjoni